MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 300/2014

**Wara l-Ittra Ufficjali numru 1779/2014**

**Fl-ismijiet:**

**United Acceptances Finance Ltd (C360)**

**vs**

**Ruben Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Ruben Galea li gie pprezentat nhar it-28 ta' Awissu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti ezekutat gie nnotifikat b'ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha s-socjeta' United Acceptances Finance Ltd. talbet li tirrendi ezegwibbli ghaxar kambjali mahruga fil-konfront tal-esponenti;*

*Illi r-rikorrenti ezekutat qieghed jaghmel dan ir-rikors ai termini ta' Artikolu 253 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex topponi u titlob is-sospensjoni, stante li hemm ragunijiet gravi u serji ghalfejn tali esekuzzjoni m'ghandhiex tithalla;*

*Illi skond ir-rikorrenti ezekutat l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' ezekutanti hija nulla u dan stante li ma hemmx indikat fiha d-dritt mghoti lir-rikorrenti ezekutat bid-drittijiet kollha mghotija lilu u cioe' li huwa jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni;*

*Illi Artikolu 253(e) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola car illi taht piena ta' nullita' ghandu jkun hemm indikat fuq l-ittra ufficjali dan id-dritt, ghalhekk fin-nuqqas dik l-ittra ufficjali ghandha, skond l-esponenti, titqies bhala nulla;*

*Illi l-procedura adotta mis-socjeta' ezekutanti hija wahda straordinarja, peress illi bil-mezz tal-ittra ufficjali tista' tghaddi sabiex tottjeni titolu ezekuttiv w ghalhekk m'ghandhiex tigi mhollija li tiddevja bl-icken mod mill-procedura u minn dak rikjest mill-istess Artikolu taht liema qieghda tipprezenta l-ittra ufficjali taghha u cioe' Artikolu 253(e);*

*Illi l-kambjali in kwistjoni kienu ffirmati bhala parti mill-bejgh ta' vettura liema vettura zviluppat hsarat kbar fil-magna taghha tant kellha tigi mibdula l-magna w ghalhekk ir-rikorrenti ezekutat kien qieghed jippretendi nuqqas fil-prezz tal-vettura u dan minhabba dan difett mohbi;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti tissottometti bir-rispett illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u dan stante li kienu diga' saru xi hlasijiet mill-esponenti fuq il-kambjali mahruga kontra tieghu;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali ndikati fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, bin-numru 1779/2014."*

Rat dak li gie pprezentat fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015 u cioe' l-ittra ufficjali numru 1779/14.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata kif prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Mejju 2015 (a fol. 17 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi b'referenza ghall-kontenut tar-rikors ta' Ruben Galea datat 28 ta' Awwissu 2014, jigi umilment rilevat illi r-ragunijiet legali u fattwali indikati mir-rikorrenti f'tali rikors sabiex jigi ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali li dwarhom giet proposta mill-esponenti l-ittra ufficcjali bin-numru ta' referenza 1779/2014, huma insostenibbli, in kwantu ma jezistux l-estremi rikjesti mil-ligi sabiex jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu.*

2. *Illi r-rikorrenti jindika illi l-hlas mhux dovut minnu ghaliex il-vettura li dwarha nhargu l-kambjali relattivi zviluppat hsara, u ghalhekk ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-prezz; illi bid-dovut rispett, kemm-il darba verament rrizultat tali hsara, allura r-rikorrenti ghandu jipproponi azzjoni ad hoc, u mhux jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali, liema azzjoni sigurament ma gietx proposta mir-rikorrenti. Illi tali bazi ta' kontestazzjoni m'hix gustifikata, u ma timmeritax illi tigi akkolta.*

3. *Illi in rigward il-kontestazzjoni tar-rikorrenti illi l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex huwa eccessiv, u dan ghaliex ir-rikorrenti 'gia wettaq xi hlasijiet, jigi umilment rilevat illi kemm-il darba gie mwettaq hlas ghal xi kambjali mertu tal-ittra ufficjali in kwistjoni, allura tali kambjali jkunu gew ritornati lir-rikorrenti, u ma jkunux ghadhom fil-pussess tal-*

*esponenti, jew minn tal-inqas, ir-rikorrenti ghandu jkollu ricevuta bhala konferma tal-hlas; illi r-rikorrenti ma ssostanzja bl-ebda dokument u l-ebda mod l-allegazzjoni tieghu, u ghalhekk tali allegazzjoni hija fiergha u inveritiera. Illi dan kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Illi dwar l-eccezzjoni ulterjuri, li r-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi awtorizzat li jressaq fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015, u li tittratta dwar in-nuqqas ta' kompetenza ratione valoris ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tittratta dan il-kaz, l-esponenti umilment teccepixxi illi bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tali eccezzjoni kellha tinghata in limine litis, u gialadartba ma gietx sollevata fir-rikors promotur u fi stadju bikri tal-proceduri, allura jsegwi illi r-rikorrenti rrinunzja ghal tali eccezzjoni u rrimetta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Illi jsegwi ghalhekk illi tali eccezzjoni hija legalment insostenibbli u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra r-rikorrenti*.

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi*."

Rat ukoll l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Ruben Galea hekk kif awtorizzat li jaghmel minn din il-Qorti b'digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi l-valur rikjest jezorbita mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan ai termini ta' l-Arikolu 47 ta' Kapitolu12 tal-Ligijiet ta' Malta"* .

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 u cioe' li l-intimat kien qed jirtira l-ittra ufficcjali numru 1779/14 u mhux qed jinsisti fuq l-esekuzzjoni taghha .

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 il-partijiet talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-kwistjoni ta' l-ispejjez.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appel fil-5 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Carmela sive Bella Hili bhala eredi universali ta' ommha Therese Hili vs Meli Car Rentals Limited u Paul Hili** fejn inghad li**:-**

*"Hu principju generali rakkolt mill-gurisprudenza illi "l-obbligu tas-sokkombent f'kawza civili li jirrifondi lir-rebbieh l-ispejjez tal-kawza ghandu bhala fondament guridiku t-turbament tad-dritt li l-kondotta ingusta tkun ikkagunat; u minhabba f'dan, l-ordni privat ma jkunx ristabbilit ghal kollox jekk is-sokkombent ma jirrifondix lir-rebbieh l-ispejjez li kienu necessarji ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni jew tad-difiza (***Mortara, "Principi di Proc. Civ.** *n. 179)" ("***Veronica Conti -vs- Victor Conti***", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Marzu, 1957). Issokta jigi pprecizat illi l-kriterju tas-sokkombenza jista' jkollu wkoll bazi fil-kolpa, tant li gie enuncjat illi l-Qorti tahseb li ghal ragunijiet ugwali, jekk mhux aqwa, ta' gustizzja, l-attur jista' f'kazijiet specjali jew specjalissimi*

*jigi ezonerat minn kull spejjez u dawn jehilhom il-konvenut minhabba l-kolpa jew malizzja ta' dan*." Ara "**Francis Vella -vs- John Debono**", Appell Civili, 15 ta' Frar, 1965.

Ghal vers iehor, il-kaz prezenti, fil-fehma tal-Qorti, jista', fic-cirkostanzi maghrufa, jirrientra hu wkoll f'din l-ekwazzjoni u dan ghaliex l-intimat irtira l-ittra ufficcjali pprezentata minnu u ghalhekk it-talba rikorrenti m'ghadx ghandha skop.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tirrinunzja milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti stante li l-ittra ufficcjali numru 1779/2014 giet irtirata mill-intimat, pero' tikkundanna lill-istess rikorrenti jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------